# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Ħamis**
**Tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru 2019**

**Rikors Numru 1005/18 FDP**

Fl-ismijiet

**HSBC Bank Malta plc**
**(C 3177)**

**Vs**

**Steffen sive Steffan Mallinowski**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 15 ta' Ottubru 2018, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

    1. *Illi l-Bank rikorrenti kienet ikkonċediet faċilita' ta' self lill-intimat permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Ruben Casingena datat il-25 t'Awwissu tas-sena elfejn u disa' (2009) wara sanction letter maħruġa mill-istess Bank rikorrenti u datata 7 ta' Mejju 2009, (kopja tal-kuntratt ta' self u sanction letter annessi u mmarkati rispettivament Dok. 'SMI' u 'SM 2';*

2. *Illi s-somma mislufa kienet tammonta għal sitta u sebgħin elf, disa' mija u ħamsa u disgħin Ewro (€76,995);*

3. *Illi l-intimat beda jagħmel pagamenti mensili skont l-istess Sanction Letter sakemm madanakollu il-pagamenti waqfu għal kollox fl-aħħar tas-sena 2010 biex il-bank kien kostrett permezz ta' ittra uffiċjali 994/2011 (Dok. SM 3) isejjaħ lid-debitur biex iħallas il-bilanċ dovut (call-in);*

4. *Illi minkejja din l-interpellanza da parte tas-soċjeta' attriċi sabiex l-intimat iħallas l-ammont sħiħ dovut, huwa baqa' inadempjenti;*

5. *Illi l-bilanċ li għandu jħallas l-intimat huwa ta' sitta u sebgħin elf tliet mija tmienja u erbgħin Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€76,348.66), rappreżentanti l-kapital, kif ukoll l-ammont ta' tlieta u tletin elf, tliet mija sitta u sittin Ewro u sittin ċenteżmu (€33,366.60) rappreżentanti interessi li ddekorrew sal-5 ta' Ottubru 2018 u dana kif jirriżulta mill-anness statement of account immarkat Dok. 'SM 4';*

6. *Illi għalhekk l-intimat għandu jħallas lill-bank rikorrenti, is-somma kumplessiva ta' mija u disat elef seba' mija u ħmistax-il Ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€109,715.26), in kwantu kapital u imgħaxijiet ikkalkulati sal-5 ta' Ottubru 2018, u dan b'riżerva għal dawk l-imgħaxijiet legali dovuti mis-6 ta' Ottubru 2018 sad-data tal-pagament effettiv;*

   *Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, jgħid l-intimat, għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:*

   a. *Tiddikjara, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja, li l-intimat għandu jagħti lill-bank rikorrenti is- somma ta' mija u disat elef, seba' mija u ħmistax-il Ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€109,715.26), u dana oltre l-imgħaxijiet legali mis-6 ta' Ottubru 2018 sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.*

   b. *Tikkundanna lill-intimat iħallsu lis-soċjeta' rikorrenti HSBC Bank Malta plc is-somma ta' mija u disat elef, seba' mija u ħmistax-il Ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€109,715.26), u dana oltre l-imgħaxijiet legali mis-6 ta' Ottubru 2018 sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.*

   *Bl-ispejjeż kollha, inkluż tal-ittra uffiċjali surreferita u bl-imgħaxijiet legali dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv tas-*

*somma kollha kontra l-intimat, li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fil-21 ta' Marzu 2019, l-intimat ġie notifikat permezz ta' affissjoni fl-indirizz tiegħu Castagna House, Flat 5, Triq l-Iskol, Marsascala, kif ukoll ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Marsascala u l-Kunsill Lokali ta' Marsascala. (fol 43 tergo)

3. Rat illi saret pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fis-7 ta' Mejju 2019 (fol 44), fil-gazzetta The Malta Independent fit-13 ta' Mejju 2019 (fol 46) u fil-gazzetta In-Nazzjoni fit-13 ta' Mejju 2019 (fol 47).

4. Rat illi fl-1 ta' Lulju 2019 il-kawża tħalliet għall-provi kollha rikorrenti.

5. Rat l-affidavit ta' Doreen Cunningham ippreżentat fil-31 ta' Ottubru 2019 u li s-soċjeta' rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

6. Rat illi fil-31 ta' Ottubru 2019, in vista tal-kontumacja ta' l-intimat, il-Qorti kkonċediet lill-istess intimat, li qatt ma deher quddiemha, ġimgħatejn sabiex jagħmel is-sottomissjonijet tiegħu.

7. Rat illi fid-19 ta' Novembru 2019, il-Qorti rat illi ma daħħlu ebda sottomissjonijiet da' parte ta' l-intimat u għalhekk il-kawża tħalliet għas-sentenza.

8. Tosserva illi l-Qorti ma għandha ebda raġuni għaliex ma għandhiex tilqa' t-talba tas-soċjeta' rikorrenti kif dedotta, stante illi ġiet kkonfermata bil-ġurament mir-rappreżentant tal-Bank rikorrent, ossija Doreen Cunningham, u dina ma ġietx kkontestata bl-ebda mod.

**DECIDE:**

**Il-Qorti**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali,

**Tilqa'** t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti nominee kif dedotti, u għalhekk;

**Tiddikjara**, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja, li l-intimat għandu jagħti lill-bank rikorrenti is-somma ta' mija u disat elef, seba' mija u ħmistax-il Ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€109,715.26), u dana oltre l-imgħaxijiet legali mis-6 ta' Ottubru 2018 sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.

**Tikkundanna** lill-intimat iħallas lis-soċjeta' rikorrenti HSBC Bank Malta plc is-somma ta' mija u disat elef, seba' mija u ħmistax-il Ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu

(€109,715.26), u dana oltre l-imgħaxijiet legali mis-6 ta' Ottubru 2018 sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.

Spejjeż kollha, inkluż tal-ittra uffiċjali surreferita u bl-imgħaxijiet legali dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha lkoll a kariku tal-intimat.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**